# IL-BAXX

## kitba tas-Surmast Ray Zammit

Il-Baxx huwa l-iktar sturment bil-ħoss baxx fil-familja ta' l-istrumenti tar-ram. Dan l-istrument ġie vvintat fl-1835 mis-Surmast tal-Banda Prussian Friedrich Wilhelm u mibni mill-Ġermaniż Johann Gottfried Moritz. Dan l-istrument il-ġdid ħa post strument ieħor (Ophiclade).



Dan kien qisu bħal Baxx imma iżgħar. Il-Baxx jew kif aħjar insibuh f'termini aktar tekniċi it- 'Tuba', huwa strument kbir u goff. Insibu diversi tipi ta' Tuba. Il-Baxx normali huwa l-Eb iżda insibu il-Bbc u d-double Bb. Il-Baxx għandu range ta' tlett oraturi u jindaqq permezz tal- 'cup-mouth piece'. Fil-mekkaniżmu tiegħu għandu tlett valvi, iżda hawn Baxx b'erba' valvi. Insibu Baxx li jaħdem bis-sistema rotary valve. Il-kannaċ tiegħu hu wieħed wisgħa. Bis-saħħa tal-ħoss li jipproduċi jagħti support kbir fir-rittmu tal-banda.

Fl-1875, il-kompożitur Ġermaniż Wagner introduċa lil dan l-istrument fl-Orkesta biex ikun ta' support għat-Trombi u t-Trumbuni. Wagen qatt ma kiteb xejn fuq skala żgħira u fir-Ring huwa juża' sitt Baxxi jew aħjar il-familja kollha tagħhom. Ftit huma dawk il-kompożituri li kitbu hekk kbir għal dan l-istrument. Ma nistgħux ma nsemmux lil Brunker u lil Richard Strauss. Bil-mod dan l-istrument ġie mdaħħal anke f'Orkestra moderna. Il-Baxx jindaqq bħal strumenti oħrajn. Żewġ eżempji ċari huma il-legato fil-ftuħ ta' Overtune 'Faust' ta' Wagner u n-noti pizzicato fl-ewwel moviment tat-tmien sinfonija ta' Mahler. Kompożituri aktar moderni bħal Shestakovich, Chavez Stravensky, Gershwin, Venwilliams kollha kitbu passaġin importanti għal Baxx.

Jekk immorru in-naħa l-oħra ta' l-Atlantiku f'dawk iż-żminijiet insibu Surmast tal-Banda Militari John Philip Sousa. Dan is-Surmast ivvinta strument ieħor tip tal-Baxx. Dan l-istrument huwa is-Sousaphone. Dan għandu tromba kbira u dan jrid jintlibes minn dik il-persuna li tkun se ddoqqu. Is-Sousaphone jaħdem b'sistema ta' rotary valve. F'Malta hawn wieħed biss li jinsab fil-Mużew tal-Banda tal-Forzi Armati f'Ħal Luqa, u forsi nsibu xi wieħed mitluq ġewwa xi każin tal-Baned tagħna.

*Mro. Raymond Zammit.*


# FORT BLOCKS CO. LTD.

GENERAL BUILDING CONTRACTORS
MANUFACTURERS AND SUPPLIERS
OF HOLLOW CONCRETE BLOCKS

FORT BLOCKS

BUILDING CONTRACTORS &
CONCRETE BLOCKS MANUFACTURERS

**Jonmar, Triq Id-Difiza Civili, Mosta MST 11 • Malta.**
**Tel: (356) 410427, 437744. Fax: (356) 434421**



# MARGARET BAZAAR

**Il-Propjetarji jawguraw**
**Il-Festa t-tajba lil kulħadd**